## Ċ 4.1 NIES LI JGĦINUNA



**Ċ4.1.3**

Nesploraw x'inhi r-relazzjoni bejn **għajnuna** u **protezzjoni**.
Nidentifikaw l-għajnuna u/jew il-protezzjoni li jagħtuna bosta persuni fil-lokalità tagħna.

**A. Ħares lejn l-eżempju, imbagħad ibni s-sentenzi l-oħra bħalu.**

| | **Kif jipproteġina** | **Kif jgħinna** |
|---|---|---|
| **L-Għalliem** | *iħarisna mill-injoranza* | *meta ma nifhmux xi ħaġa, jispjegahielna* |
| **It-Tabib**  | | |
| **Il-Pulizija**  | | |
| **Is-Saċerdot**  | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Gwardjan Lokali**<br> | ____________________<br>____________________<br>____________________ | ____________________<br>____________________<br>____________________ |

**B. Għid kif u fejn għandna nfittxu l-għajnuna fil-każi li ġejjin.**

1. Kont ġej mill-iskola bil-mixi u x'ħin kont ħdejn il-bieb tad-dar tiegħek, tara karozza li weġġgħet tifla serjament.

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

2. Tnejn mill-bozoz tat-triq fejn toqgħod int, ilhom jumejn ma jixegħlu bil-lejl għax inħarqu.

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

3. L-aħħar biċċa tal-lezzjoni tal-Matematika, illum ma stajtx nifhimha.

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

4. Dal-lejl bilkemm stajt norqod għax għandi sinna li tgħidx kemm qed tuġagħni.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________________

5. Dalgħodu kelli appuntament m'ommi l-Belt u ma stajtx immur skola. Issa ma nafx x'għandna bħala *homework*.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________________

6. Sa ftit ilu Jeremy kien ħabib tiegħi. Issa ma nafx x'ġara, sar jittantani fil-klassi u ma jħallinix kwiet, fil-brejk jipprova jwaqqagħni għaċ-ċajt ma' sħabi. Jiena nipprova nevitah, imma hu moħħu biex jiġi fejn inkun jien u jipprova jweġġagħni.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________________

